# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2049

Każ Nru 2632/FM

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Peter Agius

u

Melita plc

dwar tkeċċija mill-impieg

allegata li hi nġusta

Data: 2 ta' Frar 2011

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' Rikors magħmul mill-Avukat Aron Mifsud Bonnici fit-30 ta' Ottubru 2008 f'isem Peter Agius fejn dan allega li kien kostrett jitlaq mill-impieg tiegħu minħabba nuqqasijiet serji da parti tas-Soċjetà Melita plc. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Dr Theresianne Bezzina, assistita mill-Avukat Henri Mizzi, tinnega dan.

Inżammu tlettax-il seduta. A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba in-numru ta' seduti kif ukoll intervall twil diversi xhur waqt li kien jinstama' u jinqata' Appell minn deċiżjoni preliminari ta' dan it-Tribunal ma kienx possibbli li dan il-każ jinqata' fi żmien xahar kif preskritt mill-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent jgħid li huwa kien kostrett jirriżenja mill-impieg tiegħu minħabba raġunijiet serji li jammontaw għal *constructive dismissal*. Is-Soċjetà ntimata tgħid illi dan kien sempliċement każ ta' riżenja. Il-każ jinpernja ruħu fuq allegazzjoni ta' manipular ta' figuri finanzjarji da parti ta' uffiċjali tas-Soċjetà li r-Rikorrent jirritjeni li minħabba etika professjonali tiegħu ma setax jittollera. Jgħid ukoll li ħassu vittimizzat mis-superjur tiegħu. Is-Soċjetà Intimata tgħid li irċiviet ittra ta' riżenja da parti tar-Rikorrent u tiċħad kwalukwe nuqqas fir-rigward tar-Rikorrent.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Irid jerġa jiġi mtenni illi għad li l-liġi Maltija ma tirreferix speċifikament għal tluq mill-impieg sfurżat, komunement imsejjaħ *constriuctive dismissal*, kemm dan it-Tribunal kif ukoll oħrajn diversament preseduti u saħansitra l-Qrati Maltin ikkunsidraw każi ta' *constructive dismissal* u stqarrew li dana jaqa' taħt il-parametri tal-Kap 452. Dawn il-każi għandhom l-għerq tagħhom fit-trattament ħażin da parti tal-prinċipal li jirriżulta fi ksur fondamentali tal-kuntratt tax-xogħol, mod li jagħmilha ntollerabbli għall-impjegat li jkompli fil-ħidma tiegħu. Naturalment it-Tribunal irid jagħarbel kull każ biex jara fattwalment jekk l-allegat aġir tal-prinċipal ikunx jammonta għal ksur tal-kuntratt tax-xogħol jew xi raġuni serja oħra.

It-Tribunal beda' biex jeżamina bir-reqqa l-ittra ta' riżenja mibgħutha mir-Rikorrent fl-4 ta' Ġunju 2008[1]. Għaliex permezz ta' din l-ittra sar l-ewwel pass determinanti fit-tmiem ta' l-impieg tar-Rikorrent. L-ittra hija ntestata *Re: Notice of Termination of Employment u* tgħid testwalment: "*In accordance with section 34 of the Conditions of Employment (Regulation) Act, I am hereby giving notice of my termination of employment with Melita Cable plc. In terms of the aforementioned Act my period of notice shall begin to run from tomorrow 5th June 2008. Whilst thanking you for your cooperation during my term of service, I remain, Yours sincerely Peter Agius ID 38777M.*" L-ittra hija ndirizzata lil "Melita Cable plc". L-ewwel nett irid jingħad illi l-Att ċitat f'din l-ittra, cioe' l-hekk imsejjaħ CERA, kien abrogat hekk kif ġie fis-seħħ il-Kap 452 fis-sena 2003[2]. Madankollu t-Tribunal xorta eżamina l-Artikolu ċitat fejn sagħab li skond dan l-Artikolu, li ġie inkorporat kważi *in toto* fl-Att 452, l-impjegat mhux tenut li jagħti raġuni għar-riżenja tiegħu. Iżda fil-każ ta' *constructive dismissal* wieħed jistenna li jkun hemm xi allużjoni dwar x'ikkawża r-riżenja. Ir-raġuni li r-Rikorrent ma riedx jikxef sigrieti professjonali ma' uffiċjali tas-Soċjetà li kienu fid-dipartiment tal-*Human Resources* ma tikkonvinċix. Għaliex ir-Rikorrent sata' faċilment indirizza l-ittra tar-riżenja msaħħa bir-raġunijiet lid-Diretturi tas-Soċjetà jew lis-CEO innifsu.

---

[1] **Dok M1**

[2] **Kap 452 Artikolu 86(1)**

Wara dsatax-il jum l-Avukat tar-Rikorrent kiteb ittra lis-CEO tas-Soċjetà [3]fejn għall-ewwel darba tiġi ndikata *constructive dismissal.* Irid jingħad li kif qal tajjeb l-Avukat tar-Rikorrent dan kien għadu fl-impieg dakinhar li nkitbet l-istess ittra. Iżda t-Tribunal Industrijali jinnota li riżenja kienet ġa saret. It-Tribunal kien ta l-ġudizzju tiegħu fid-Deċiżjoni Preliminari tat-28 ta' Jannar 2009 [4]fejn għamel distinzjoni bejn riżenja u temm tal-kuntratt tax-xogħol. It-Tribunal f'dik id-Deċiżjoni Preliminari sejjaħ ir-riżenja bħala "intenzjoni irrevokabbli ta' tmiem ta' impieg". Voldieri meta r-Rikorrent issottometta r-riżenja tiegħu kien qed jieħu pass irrevokabbli biex itemm l-impieg. Il-fatt li baqa' fuq il-kotba tas-Soċjetà għal perijodu tan-*notice* huwa irrelevanti għall-iskop ta' *constructive dismissal*. Oltre dan jekk wieħed irid jidħol fl-allegati ragunijiet għaliex ir-Rikorrent ħassu li għandu jkun sfurżat li jirriżenja hemm l-*email* tat-13 ta' Mejju 2008[5] fejn jirriżulta biċ-ċar illi wara li s-Soċjetà investigat dak kollu li kien ġara r-Rikorrent jgħid lis-CEO li "*I am more than happy that by means of your investigation and after consulting financial and legal persons you concluded that there are no wrongdoings in this incident*". B'hekk jidher li anke qabel ma ntbagħtet ir-riżenja u s'intendi l-ittra tat-23 ta' Ġunju 2009 ir-Rikorrent kien sodisfatt illi l-każ kellu eżitu posittiv. Veru li jkompli jwissi lis-CEO fl-istess *email* biex huwa formalment jawtorizża r-*reversals*. Iżda dan biex kollox jirregolarizża ruħu u dana jibqa dover tas-superjur tiegħu u mhux ta' l-istess Rikorrent. In vista ta' dan l-ittra ta' riżenja hija kompletament mifruda minn dak li ġara qabel, li skond ir-Rikorrent kien il-kawża tar-riżenja sfurzata tiegħu. Ġaladarba l-episodji li allegatament induċew lir-Rikorrent biex jirriżenja kienu, fi kliem l-istess Rikorrent, sodisfaċentement riżolti ma setgħux jiġu iktar minn xahar wara ċitati bħala l-kawża tar-riżenja tiegħu. Molto piu' li sadattant kienet intefgħet riżenja sempliċi kif ingħad iktar 'il fuq.

Għal dak li hija allegazzjoni ta' vittimiżżazzjoni t-Tribunal iħoss li din ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

---

[3] **Dok M2**
[4] **Deċiżjoni Preliminari Nru 1902**
[5] **Dok PA009**

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi illi t-temm tal-impieg tar-Rikorrent Peter Agius minn mas-Soċjetà ntimata Melita plc kien sempliċement permezz ta' riżenja ta' l-istess Rikorrent.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**5. Siġillar ta' l-atti**

Peress illi waqt is-smiegħ tal-każ kemm il-darba sar xi diskors dwar is-sensività ta' xi dokumenti li ġew esibiti t-Tribunal Industrijali jordna li l-atti kollha tal-każ, ħlief għal din id-deċiżjoni u dik preliminari tat-28 ta' Jannar 2009, għandhom jiġu siġillati u jkunu disponibbli biss lill-partijiet u jekk mitlub lil xi organu ġudizzjarju.

**6. Drittijiet**

It-Tribunal jillikwida id-drittijiet pagabbli lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wieħed u dana ai termini tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**Ghas-Segretarju**